MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 518/2001/1

**Carmen Falzon f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Brendan**

**vs**

**Brian Falzon**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-
Peress li l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga` migjuba quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li b'digriet tas-6 ta' Frar 2001 awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni;

Peress li dawn ir-ragunijiet huma minhabba ngurji, sevizzi, theddid, alkolizmu da parti tal-konvenut, kif ukoll adulterju, *oltre* li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Peress li minn dan iz-zwieg hemm tifel wiehed minuri, Brendan, li ghandu hdax-il sena;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas ta’ l-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tikkomina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta’ l-artikolu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri, Brendan, lill-attrici, kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalih lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas ta’ l-istess;

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz;

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tal-25 ta’ Settembru 2001; tat-22 ta’ Novembru 2001; tat-13 ta’ Frar 2002; ta’ l-14 ta’ Mejju 2002 fejn il-konvenut ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tal-kawza;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 27 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici qeghdin jigu kkontestati.

2. Illi ghalkemm huwa veru li l-esponent kellu problema ta’ l-alkohol, li issa qed jinqata` minnha, mhux minnu li l-eccipjenti ikkommetta adulterju.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.27 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet ta’ 60 jum kull wiehed; u tat-12 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici b’40 jum mill-lum u kkonfermat mill-bqija d-digriet tas-26 ta’ Gunju 2002;

Rat in-nota ta’ l-attrici li permezz taghha esbiet l-affidavits taghha u ta’ missierha Francis Compagno;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Mejju 2003 fejn Dr Edwina Grima ghall-attrici prezenti ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar u li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza. Il-konvenut imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II.KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>i. Provi Prodotti.</u>

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed tallega li l-hajja mizzewga ma hijiex aktar possibbli minhabba ngurji, sevizzi, theddid, alkolizmu da parti tal-konvenut, kif ukoll adulterju u wkoll minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-konvenut ikkontesta t-talbiet attrici. Huwa ddikjara li ghalkemm huwa veru li kellu problema ta' l-alkohol, issa qed jinqata' minnha pero' cahad li kkommetta adulterju.

Illi mill-provi prodotti mill-attrici biss, ghaliex *nonostante* d-digriet ghall-affidavits il-konvenut ma pprezenta xejn, jirrizulta li l-kontendenti ltaqghu meta kienu ghadhom zghar fl-eta' u wara sena johorgu flimkien l-attrici harget tqila. Illi wara pressjoni miz-zewg familji huma kellhom jizzewgu.

Illi l-attrici xehdet li l-problemi bejniethom bdew meta t-tifel ghalaq sentejn u beda jbati bl-asthma. Il-konvenut beda bil-vizzju tax-xorb u baqa' dejjem jiggrava, tant li anki tilef l-impjieg tieghu kif ukoll gie rikoverat l-isptar Monte Carmeli minhabba l-istess vizzju. Hija baqghet mieghu ghax kienet tispera li kien se jirranga hajtu. Hija marret ukoll Sedqa ghall-ghajnuna. Huwa kien anke beda l-programm imma wara sitt xhur abbuza minn xi pilloli u tkecca, kien rega' pprova ghat-tieni darba izda wara jumejn iddejjaq u telaq.

Illi minhabba din il-problema tieghu hajjitha u dik ta' binha bdiet issir impossibbli tant li hi bdiet tibza' tghix mieghu. Huwa kien sar aggressiv hafna maghha u gieli heddidha li kien se joqtolha. Kien hemm drabi fejn involviet lill-Pulizija u darba minnhom telqet mid-dar u marret Merhba Bik. Illum zewgha mhux qed jahdem u l-attrici xehdet li jqatta' granet shah jixrob, jibla' l-pilloli max-xorb u jorqod.

Illi hija qed tghix bl-ghajnuna socjali. Huwa ma jaghtihiex manteniment la ghaliha u lanqas ghat-tifel. Hija ppruvat issib xoghol imma ma rnexxilhiex. Illi jirrizulta mill-provi li l-konvenut ma kienx qed imantni lill-attrici *nonostante* d-digriet tas-Sekond'Awla Numru 1265/00 datat 6 ta' Frar 2001, fejn l-istess konvenut gie kkundannat sabiex ihallas is-somma ta' hmistax-il Lira Maltija (Lm15) bhala manteniment, maqsuma hames liri (Lm5) ghaliha u ghaxar liri (Lm10) ghall-minuri.

Illi l-konvenut qed joqghod fl-istess dar ma' l-attrici ghax ghalkemm ghamel xi zmien jghix ghand ommu rega'

spicca ghandha ghax ommu ma riditux aktar. Hija bezghet tirrifjutah lura minhabba l-aggressivita’ tieghu lejha.

Illi rigward id-dar li tghix fiha, din hi mikrija lilhom minghand il-Gvern bir-rata ta’ tmintax-il Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm18.45) kull tlett xhur. Illi hija xehdet li matul iz-zwieg ma xtraw xejn. L-ghamara li xtraw ma tiswiex flus u qeghda fid-dar fejn toqghod ma’ binha u l-kontijiet thallashom kollha hija.

Illi **Francis Compagno,** missier l-attrici, ikkonferma li l-konvenut ghandu problema bl-abbuz ta’ l-alkohol; kif ukoll li ma jahdimx u ma jmantnix lil martu w ibnu. *Inoltre* kkonferma wkoll li ghandu tendenza li jkun aggressiv meta jkun xurban. Dan jista’ jixhdu ghax kien hemm okkazjoni fejn kien prezenti. Sa llum il-konvenut ghadu b’din il-problema.

## ii. Apprezzament tal-Provi.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici ghal dik li hija responsabilita’ dwar it-talba ghal separazzjoni minnha mressqa gew ippruvati hlief ghall-adulterju ghax l-ebda prova ma giet imressqa f’dan ir-rigward. Illi jidher li dak kollu wassal ghal din is-sitwazzjoni kien il-vizzju tax-xorb li ghandu l-konvenut, li baqa’ jippersisti sa minn wara sentejn li zzewgu tul il-bqija tal-hajja mizzewga taghhom. B’konsegwenza ta’ dan huwa spicca minghajr impjieg u b’hekk halla nieqsa lill-familja tieghu anke f’dak li huwa manteniment. *Inoltre*’ proprju minhabba dan il-vizzju huwa rrenda l-hajja konjugali mpossibbli bejniethom dan ukoll ghaliex meta jkun fl-istat xurban ikun aggressiv ukoll tant li kien hemm drabi fejn refa’ jdejh fuqha u heddidha.

Illi huwa ma jidher li qed jaghmel xejn biex jipprova johrog minn dan il-vizzju. Fid-dikjarazzjoni tieghu stqarr li ghalkemm hu minnu li kellu problema ta’ l-alkhol issa qed jinqata’ minnha izda prova ta’ dan huwa ma gabx. Fl-affidavit taghha l-attrici, li ghadha tghix taht l-istess saqaf mieghu, iddikjarat li huwa ghadu b’dan il-vizzju – mhux biss, fi kliemha stess *“Il-konvenut illum ghad ghandu l-*

*problema tax-xorb. Nghid illi huwa jixrob sa sitt fliexken inbid kuljum u anke jibla' l-pilloli ma' l-inbid".* Illi ghalkemm huwa beda l-programm biex johrog mill-vizzju darbtejn ma temmux.

Illi dan kollu jwassal sabiex l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha skond id-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 40 tal-Kap.16** kawza ta' ngurji u sevizzi *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici, u b'kawza t'hekk ukoll il-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi dwar it-tieni talba attrici fejn titlob retta alimentarja ghaliha din ma tistax tintlaqa' f'dawn ic-cirkostanzi. Dan ghaliex il-konvenut m'ghandux impjieg u ma giet provduta l-ebda prova dwar x'intojtu iehor li jista' jkun li qieghed jircievi prezentement.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti ma jirrizultax li kien hemm xi assi ta' valur u allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, filwaqt li ovvjament din il-Qorti tordna x-xoljiment taghha b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Brendan, din ghandha tkun f'idejn l-attrici. Illi dwar access liberu tal-konvenut ghall-istess dan mhux ser jigi kkunsidrat f'dan l-istadju tal-kawza. Tali access ma ghandux jigi kkunsidrat qabel ma' l-konvenut jibda u jispicca kors relattiv mal-agenzija Sedqa dwar il-problema ta' xorb li ghad ghandu, u li fih juri li tali problema giet meghluba jew tinsab taht kontroll.
Illi ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-istess konvenut ghandu jara lil ibnu taht supervizjoni darbtejn fil-gimgha ghal siegha kull darba, bis-supervizjoni ta' *social worker* fl-Agenzija Appogg, li tigi nominata ghal dan l-iskop mid-Direttur ta' l-Agenzija Appogg, u tali granet u hinijiet jigu ffissati mill-istess Agenzija Appogg, b'dan li din l-ordni tkun tista' tigi esegwita pjenament, u b'dan il-Qorti ghandha tigi nformata b'nota appozita fl-atti ta' din il-kawza.

Illi rigward it-talba sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas retta alimentarja ghat-tifel minuri, ghalkemm huwa jibqa' dejjem obbligat li jmantni lil ibnu, ma tistax tigi akkolta fic-cirkostanzi minhabba li kif diga' nghad il-konvenut m'ghandux impjieg.

Illi *in vista* ta' dan l-attrici ghandha tibqa' tircievi l-assistenza socjali. Illi jekk ic-cirkostanzi tal-konvenut jinbidlu allura din il-Qorti tkun f'pozizzjoni illi tkun tista' tikkwantifika l-ammont ta' manteniment li ghandu jinghata ghall-attrici u ghat-tifel minuri.

Illi dwar is-sitt talba attrici dwar id-dar konjugali jirrizulta li din qeghda ghand il-kontendenti b'titolu ta' kera minghand il-Gvern bir-rata ta' tmintax-il Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm18.45) kull tlett xhur. Illi din il-Qorti ghalhekk qeghda tassenja l-istess kirja tad-dar matrimonjali lill-attrici b'dan li l-kirja ghandha tithallas mill-istess attrici. Illi *inoltre'* minhabba c-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni hija ghandha tghix f'din id-dar flimkien ma' binha ad eskluzjoni ta' l-istess konvenut li ghandu tlett xhur mill-lum sabiex johrog mill-istess dar u jsib akkomodazzjoni alternattiva.

Illi dwar is-seba' talba attrici din il-Qorti tilqa' t-talba u ghalhekk tawtorizzaha li tibda tuza' kunjom xbubitha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici ad eccezzjoni tat-tieni u *in parte* tal-hames talba** bil-mod kif gej:-

(1) Tiddikjara s-separzzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'ingurji u sevizzi prattikati mill-konvenut anke ghad-dannu ta' l-attrici u minhabba f'hekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

(2) Tichad din it-tieni talba f'dan l-istadju biss fis-sens li ma jista' jigi likwidat l-ebda ammont ta' manteniment,

ghalkemm tali dritt jezisti fil-konfront ta' l-attrici u ta' l-istess minuri, u dan peress li ma jirrizultax mill-provi li l-konvenut illum ghandu xi forma ta' ntrojtu, u dan salv id-dritt ta' l-attrici li tipprocedi gudizzjarjament ghall-pagament ta' l-istess retta alimentarja ghaliha u ghall-minuri jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u jekk hija jkollha dritt ta' manteniment ghaliha u ghall-minuri skond il-ligi;

Illi l-Qorti tordna wkoll li l-konvenut ihallas lill-attrici l-arretrati kollha ta' manteniment *pendente lite* li huwa naqas li jhallas lill-attrici kif degretat mid-digriet tas-Sekond' Awla fis-6 ta' Frar 2001 sat-29 ta' Marzu 2004.

(3) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti mid-data ta' din is-sentenza, u tiddikjara li l-istess komunjoni ma kienet tikkonsisti fl-ebda assi ta' valur hlief il-kirja tal-fond 28, Flat 1, Triq l-Oratorju, Senglea u l-effetti mobbli li hemm fih, liema effetti qed jigu apporzjonati lill-attrici anke *in vista* tal-fatt li l-konvenut ilu ma jmantni lill-attrici u lil ibnu ghal diversi snin, inkluz *pendente lite*, u qed jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet relattivi u relevanti ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

(4) Tikkomina kontra l-istess konvenut il-provvedimenti ta' l-**artikoli 48 tal-Kodici Civili** fl-intier taghhom.

(5) Tafda lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri, Brendan, b'dan li l-konvenut ikollu biss dritt ta' access ghal ibnu taht supervizjoni ta' *social worker* appozita li tigi nominata mill-Agenzija Appogg, u dan ghal darbtejn fil-gimgha, f'zewg granet fil-gimgha, ghal siegha kull darba, fic-Centru ta' l-Agenzija Appogg, liema granet u hinijiet jigu ffissati mill-istess Agenzija Appogg skond il-kaz, u li l-istess Agenzija ghandha tinforma lill-Qorti bin-nomina ta' l-istess *social worker* u b'tali granet u hinijiet permezz ta' nota fir-Registru, u ghal dan l-iskop tordna n-notifika mill-attrici ta' din is-sentenza lill-istess Agenzija Appogg, a spejjez ta' l-istess attrici.

Illi dwar retta alimentarja ghall-minuri, din il-Qorti tirreferi ghal dak li gja' nghad u fi kwalunkwe kaz tiddikjara li din it-talba ma tistax tintlaqa' f'dawn ic-cirkostanzi peress li ma

jidhirx li l-konvenut illum ghandu xi forma ta’ ntrojtu, ghalkemm jibqa’ dejjem obbligat li jmantni lil ibnu; dan salv kull dritt ta’ manteniment u li l-attrici tipprocedi gudizzjarjament ghall-pagament ta’ l-istess retta alimentarja ghal binha jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u hija jkollha dritt ta’ manteniment ghal binha skond il-ligi.

Illi l-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici wkoll l-arretrati tal-manteniment degretati *pendente lite* favur il-minuri skond digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta’ Frar 2001 b’effett mill-istess data tas-6 ta’ Frar 2001 sad-29 ta’ Marzu 2004 peress li jirrizulta li lanqas tali manteniment tal-minuri *pendente lite* ma thallas mill-konvenut.

(6) Tassenja d-dar konjugali 28, Flat 1, Triq l-Oratorju Senglea, lill-attrici u tordna li l-attrici u binha ghandhom jghixu fiha ad eskluzjoni tal-konvenut li ghandu terminu qasir u perentorju ta’ tliet xhur mill-lum biex jizgombra mill-istess dar.

(7) Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza’ kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kollha ta’ din il-kawza u l-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------